MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 258/2013

**Mobisle Communications Ltd**

**C 24655**

**Vs**

**Dessau Jurgen**

**ID 55578A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' April, 2013 illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija tmienja u sebghin ewro hamsa u disghin centezmu (€978.95) in konnessjoni ma' servizz/i ta' kommunikazzjoni bin-numru 79848419 numri tal-kont A/C50918778 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza

Il-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-2 ta' April, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-2 ta' April, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disa' mija tmienja u sebghin ewro hamsa u disghin centezmu (€978.95) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------